TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 103 tal-2025

National Beach Games 2025 fil-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jixtieq jinnotifika lill-baħħara li se tiġi organizzata attività msejħa National Beach Games fil-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa.

L-attività se ssir nhar is-Sibt, 5 ta' Lulju, 2025, bejn id-9.00 a.m. u s-2.00 pm, ġewwa u barra ż-żona tal-għawm.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 103 of 2025

National Beach Games 2025 in Pretty Bay, Birżebbuġa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, would like to notify mariners that an activity called National Beach Games will be organised in Pretty Bay, Birżebbuġa.

The activity will be held on Saturday, 5th July, 2025, between 9.00 a.m. and 2.00 p.m., within and outside the swimmer zone.

Parti miż-żona tal-għawm se tkun ristretta waqt l-attività kif ġej:

Iż-żona ffurmata billi jingħaqdu l-punti 1, 2, 3, 4 u x-xatt ta' bejniethom se tkun iddedikata għal din l-attività biex tifforma korsiji għall-għawm, kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Iż-żona ffurmata billi jingħaqdu l-punti 3, 4, 5, 6 u x-xatt ta' bejniethom se tintuża bħala launch lane, iddedikata esklussivament għad-dgħajjes żgħar tal-qlugħ li jieħdu sehem fl-attività, kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
1	35° 49'.454	014° 31'.771
2	35° 49'.451	014° 31'.837
3	35° 49'.451	014° 31'.771
4	35° 49'.448	014° 31'.835
5	35° 49'.446	014° 31'.770
6	35° 49'.443	014° 31'.833

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela b'veloċità baxxa (mingħajr rima) u jżommu 'l bogħod mill-launch lane temporanja.

Kwalunkwe struzzjoni maħruġa fuq VHF Channels 14/16 minn Marsaxlokk VTS għandha tiġi osservata.

Chart affettwata: BA 36

L-4 ta' Lulju, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 104 tal-2025

Stħarriġ Marittimu differenti fil-Ponta tal-Qawra

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li se jsir stħarriġ marittimu differenti fil-Ponta tal-Qawra.

L-istħarriġ differenti huwa dan li ġej:

Nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju, 2025 – Bathymetric Point Acquisition

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025 – Lateral Sonar Acquisition

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Lulju, 2025 – GPS Point Acquisition

L-istħarriġ se jsir mis-7.30 a.m. sal-5.00 p.m. kuljum, fiż-żona ffurmata mil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-punti A, B, C, u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Part of the swimmer zone will be restricted during the activity as follows:

The area formed by joining the points 1, 2, 3, 4 and the intermediate coastline will be dedicated to this activity to form swimming lanes, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The area formed by joining the points 3, 4, 5, 6 and the intermediate coastline will be used as a launch lane, dedicated exclusively for small sailing boats taking part in the activity, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
1	35° 49'.454	014° 31'.771
2	35° 49'.451	014° 31'.837
3	35° 49'.451	014° 31'.771
4	35° 49'.448	014° 31'.835
5	35° 49'.446	014° 31'.770
6	35° 49'.443	014° 31'.833

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed (no wake) and keep away from the temporary launch lane.

Any instructions issued on VHF channel 14/16 by Marsaxlokk VTS are to be complied with.

Chart affected: BA 36

4th July, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 104 of 2025

Different Marine Surveys at Qawra Point

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that different marine surveys will be carried out at Qawra Point.

The different surveys are the following:

On Thursday, 3rd July, 2025 – Bathymetric Point Acquisition

On Friday, 4th July, 2025 – Lateral Sonar Acquisition

On Monday, 7th July, 2025 – GPS Point Acquisition

The surveys will be carried out form 7.30 a.m. to 5.00 p.m. on each day, within the area formed by the imaginary lines joining the points A, B, C, and the intermediate coastline, as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 57'.555	014° 25'.813
B	35° 57'.554	014° 25'.611
C	35° 57'.427	014° 25'.612

Matul l-istħarriġ se jintuża bastiment ta' appoġġ u t-tagħmir se jkun fuq dan il-bastiment.

Matul l-istħarriġ il-bastiment se jkun ristrett fil-kapaċità tiegħu li jimmanuvra, għalhekk qed għandu jinżamm spazju wiesa'.

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025, l-ebda bastiment mhu se jitħalla jidħol jew inizzel l-ankra fiż-żona msemmija hawn fuq waqt li jkun qed isir l-istħarriġ.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

L-4 ta' Lulju, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 105 tal-2025

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 103 tal-2025 dwar in-National Beach Games 2025 fil-Bajja is-Sabiħa, Birżebbuġa

B'referenza għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 103 tal-2025.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li minħabba l-loġistika, l-aġġustament għaż-żona tal-għawwiema msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 103 tal-2025 se jsir nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025, u ż-żona tal-għawwiema se tiġi aġġustata għall-istat oriġinali nhar it-Tnejn, 7 ta' Lulju, 2025.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 103 tal-2025 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 103 tal-2025 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 36

L-4 ta' Lulju, 2025

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 57'.555	014° 25'.813
B	35° 57'.554	014° 25'.611
C	35° 57'.427	014° 25'.612

A support vessel will be used during the survey and the equipment will be on this vessel.

During the survey the vessel will be restricted in her ability to manoeuvre, therefore, a wide berth is being requested.

On Friday, 4th July, 2025, no vessel will be allowed to enter or drop anchor within the above-mentioned area while the survey is being carried out.

Masters and operators of vessels are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

4th July, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 105 of 2025

Amendment to Local Notice to Mariners No. 103 of 2025 regarding National Beach Games 2025 in Pretty Bay, Birżebbuġa

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 103 of 2025.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that due to logistics, the adjustment to the Swimmer Zone mentioned in Local Notice to Mariners No. 103 of 2025 will take place on Friday, 4th July, 2025, and the swimmer zone will be readjusted to the original state on Monday, 7th July, 2025.

Local Notice to Mariners No. 103 of 2025 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 103 of 2025 will remain valid.

Chart affected: BA 36

4th July, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 106 tal-2025

Periklu għan-navigazzjoni fil-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li ġie skopert ostaklu sommerġibbli fil-Port ta' Marsamxett fil-pożizzjoni:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 54'.307	014° 30'.77

28m 'il barra mill-eqreb kosta. L-ostruzzjoni hija parti mill-pajp tal-ilma sommerġibbli li jgħaddi mill-Ponta ta' Tigné sal-Belt Valletta (ara s-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela kbira jkunu fil-viċinanza tal-pipeline sommerġibbli u jżommu distanza sigura mill-punt mogħti. Għalhekk, in-navigazzjoni mill-kordinata mogħtija lejn ix-Xatt ta' Tigné hija pprojbita.

Chart affettwata BA 177

L-4 ta' Lulju, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 106 of 2025

Hazard To Navigation in Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners, that a submersible obstruction has been detected in Marsamxett Harbour in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35˚54'.307	014˚30'.77

28m off the nearest coastline. The obstruction is part of the submersible water pipeline running across from Tigné point to Valletta (see the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

Mariners are advised to navigate with extreme caution when navigating in the vicinity of the submersible pipeline and keep a safe distance from the given point. Navigation from the given coordinate to inshore bound Tigné is therefore prohibited.

Chart affected: BA 177

4th July, 2025

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

Sejħa għall-Pożizzjoni ta'
Skrivan/a fil-Qasam tar-Retail fi ħdan il-Malta International Contemporary Arts Space (MICAS)

Ref: MICAS/HR AND ADMIN/10/2024
Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 592/2025

Il-Malta International Contemporay Art Space (MICAS), li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, tavża li qed tirċievi applikazzjonijiet minn individwi għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a fil-Qasam tar-Retail. L-applikazjonijiet se jintlaqgħu mill-entità sa nofsinhar tat-Tnejn, 14 ta' Lulju, 2025, permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz (people@micas.art).

Iktar informazzjoni tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' MICAS (www.micas.art/get-involved).

L-4 ta' Lulju, 2025

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

Call for the Position of
Office Attendant (Retail)
within the Malta International Contemporary Arts Space (MICAS)

Ref: MICAS/HR AND ADMIN/10/2024
Jobsplus Permit Number: 592/2025

The Malta International Contemporary Arts Space (MICAS), under the responsibility of the Ministry for National Heritage, the Arts and Local Government, is issuing a call for the position of Office Attendant (Retail). Applications are to be received by not later than Monday, 14th July, 2025, at noon, via email to (people@micas.art).

Further information may be obtained from the MICAS website (www.micas.art/get-involved).

4th July, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Senior Resource Leader, Programmi tal-Litteriżmu wara l-Ħin tal-Iskola (Part-time)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus – 343/2025
(It-Tielet Sejħa)

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Part-time Senior Resource Leader, After School Literacy Programmes

Jobsplus Permit Number – 343/2025
(Third Call)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Resource Leader tal-Programmi tal-Litteriżmu Wara l-Ħin tal-Iskola (part-time)

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

1) Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2) Temmew b'suċċess kwalunkwe kors fi prattiki effettivi tal-litteriżmu, bħal qari flimkien u/jew qari gwidat, rakkontar tal-istejjer, litteriżmu bilanċjat; U

3) Ċertifikati fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż ta' Grad 1-5/A-C, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

4) Minimu ta' ħames snin esperjenza bħala għalliem/a fis-settur primarju.

Esperjenza fil-maniġment u l-kordinazzjoni jiġu kkunsidrati kif inhu xieraq meta ssir l-għażla.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-4 ta' Lulju, 2025

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv, EU Funding – Project Support, ma' Servizzi Ewropej f'Malta

Permess tal-Jobsplus: 646/2025

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) tilqa' applikazzjonijiet għal pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi ħdan it-Taqsima EU Funding – Project Support.

The National Literacy Agency is seeking to recruit part-time Senior Resource Leader for its After School Literacy Programmes.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1) A recognised teaching degree at MQF Level 6 or equivalent or higher; AND

2) Successful completion of any course in effective literacy practices, such as shared and/or guided reading, storytelling, balanced literacy, etc.; AND

3) Minimum of MQF Level 3 in Maltese and English [SEC (Grade 1 to 5) or GCE Ordinary Level (Grade A to C)], or equivalent; AND

4) A minimum of 5 years teaching experience in the primary sector.

Due consideration will be given to applicants who have experience in management and coordination.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 18th July, 2025, at noon.

Applications by registered post should arrive by the deadline. Late applications will not be considered.

4th July, 2025

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Position of Executive, EU Funding – Project Support, at Servizzi Ewropej f'Malta

Jobsplus Permit Number: 646/2025

Nomenclatures denoting the male gender also include the female gender.

Servizzi Ewropej f'Malta invites applications for the position of Executive, EU Funding – Project Support within Servizzi Ewropej f'Malta.

1. Termini u Kundizzjonijiet

Dan il-post jimtela fuq bażi full-time. Il-persuna magħżula għandha, għall-perjodu li matulu tkun qed taqdi dawn id-dmirijiet, taqa' taħt il-Kap ta' Diviżjoni.

Il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv hija fuq bażi indefinita u suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12)xahar.

Is-salarju (inkluża l-COLA) għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Grad 6 tal-Grading and Salary Structure 2025-2027 ta' SEM huwa kif ġej:

Sena	Salarju (€)
2025	27,816
2026	29,916
2027	32,016

Flimkien mas-salarju, l-Uffiċjal Eżekuttiv huwa intitolat għal:

Bonus għall-prestazzjoni sa 10% tas-salarju (indikat fit-tabella hawn fuq), u

Disturbance allowance sa 15% tas-salarju (indikat fit-tabella hawn fuq).

2. Dmirijiet

Id-dmirijiet ewlenin ta' Uffiċjal Eżekuttiv, EU Funding – Project Support jinkludu li:

Jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva tal-entitajiet pubbliċi/privati fi programmi u inizjattivi ta' fondi Ewropej;

Jipprovdi informazzjoni dwar programmi ta' fondi Ewropej u opportunitajiet lil individwi, intrapriżi privati u entitajiet governattivi;

Jassisti, intrapriżi privati u entitajiet governattivi fit-tfassil ta' proposti ta' proġetti, inkluż il-preparazzjoni tal-pakkett tal-applikazzjoni meħtieġa għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-fondi Ewropej;

Jassisti benefiċjarji tal-fondi tal-UE biex jimplimentaw il-proġetti tagħhom, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-appoġġ biex jifhmu l-prinċipji relatati mal-prinċipji finanzjarji tajba u l-implimentazzjoni teknika tal-proġetti tagħhom;

Jagħti sessjonijiet ta' taħriġ fuq suġġetti varji relatati mal-fondi Ewropej u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' target groups ta' SEM;

Iżomm lilu nnifsu aġġornat u infurmat dwar l-iżviluppi relatati mal-programmi Ewropej, opportunitajiet ta' fondi u l-implimentazzjoni tal-proġetti;

1. Duration of Assignment and Conditions

This post will be filled on a full-time basis. The selected candidate shall, for the period during which one is performing such duties be accountable to the Head of Unit.

The position of Executive is on an indefinite basis and is subject to a probationary period of twelve (12) months.

The salary (including COLA) attached to this position, shall be equivalent to Grade 6 of the SEM Grading and Salary Structure 2025-2027, which will follow the below structure:

Year	Salary (€)
2025	27,816
2026	29,916
2027	32,016

In addition to the salary, the executive shall be entitled to:

A performance bonus of up to 10% of the salary (above), and

A disturbance bonus of up to 15 % of the salary (above).

2. Duties

The main duties of Executive, EU Funding – Project Support, shall include:

Encourage the active participation of public and private entities in EU funding programmes and initiatives;

Provide information on all EU funding programmes and opportunities to individuals, as well as public and private entities;

Assist public and private entities to develop competitive project proposals and write the relevant application form for EU funding;

Assist beneficiaries of EU funding to implement their projects by answering queries they may have on issues that they encounter whilst implementing their project/s;

Deliver training sessions on various topics related to EU funding and project implementation to SEM's target groups;

Remain updated with ongoing developments related to EU funding programmes and project implementation;

Jikkollabora u jaħdem ma' ministri u dipartimenti governattivi, ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali tal-immaniġġjar, fir-rigward tas-sorsi ta' opportunitajiet u prinċipji ta' finanzjament tal-UE applikabbli għall-implimentazzjoni ta' proġetti kofinanzjati mill-programmi ta' finanzjament li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom;

Collaborate and network with relevant stakeholders, including Government Ministries and departments, the Permanent Representation of Malta to the EU, and national Managing Authorities, regarding topics related to EU funding programmes and project implementation;

Jipparteċipa u jikkontribwixxi b'mod attiv fl-inizjattivi ta' informazzjoni ta' SEM, li jinkludu, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti speċjali u attivitajiet pubbliċi;

Participate in and contribute actively to SEM's information initiatives, such as events and other public activities;

Jikkollabora kif meħtieġ ma' taqsimiet oħra ta' SEM;

Collaborate as necessary with other teams within SEM;

Jiżgura li s-servizzi u r-responsabbiltajiet ġenerali marbuta ma' din il-pożizzjoni jingħataw skont il-baġits approvati u fiż-żminijiet stipulati;

Ensure the delivery of the services and overall responsibilities of this position within the approved budgets and agreed timeframes;

Iwettaq dmirijiet oħra li jiġu determinati minn żmien għal ieħor mill-Kap Eżekuttiv jew mid-delegati tiegħu.

Carry out other duties as may be determined from time to time by the CEO or his delegates.

3. Kriterji ta' Eliġibilità

3. Eligible Criteria

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

3.1 By the closing date of submission of the application, applicants must fulfil ALL the following conditions:

i) a. ċittadini ta' Malta; jew

i) a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolament 18(3) tal-istess Regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. Third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il- Ftehim

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the

dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill- Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii) Ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'livell 7 tal-MQF (post-graduate, Master's) (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008, relatata mal-Affarijiet Ewropej minn Università rikonoxxuta jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta. Dawn jinkludu Studji Diplomatiċi, Relazzjonijiet Internazzjonali, Xjenzi Politiċi, Politika Pubblika, Politika Soċjali, f'oqsma bħall-Istudju tal-Unjoni Ewropea, Politika pubblika, Project Management, Studji Legali, u oqsma oħra meqjusa rilevanti;

JEW

iii) Ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew l-ekwivalenti ta' programmi li bdew minn Ottubru 2023, kif ċertifikati miċ-Ċentru ta' Malta għall-Informazzjoni tar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki (MQRIC) relatata mal-Affarijiet Ewropej. Dawn jinkludu Studji Diplomatiċi, Relazzjonijiet Internazzjonali, Xjenzi Politiċi, Politika Pubblika, Politika Soċjali, f'oqsma bħall-Istudju tal-Unjoni Ewropea, Politika Pubblika, Project Management, Studji Legali, u oqsma oħra meqjusa rilevanti;

JEW

iv) Ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'livell 5 tal-MQF, ċertifikata miċ-Ċentru ta' Malta għall-Informazzjoni tar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki (MQRIC) relatata mal-Affarijiet Ewropej. Dawn jinkludu Studji Diplomatiċi, Relazzjonijiet Internazzjonali, Xjenzi Politiċi, Politika Pubblika, Politika Soċjali, f'oqsma bħall-Istudju tal-Unjoni Ewropea, Politika Pubblika, Project Management, Studji Legali, u oqsma oħra meqjusa rilevanti, U mill-inqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol b'rabta mal-politiki tal-UE u/jew il-fondi tal-UE f'organizzazzjoni pubblika jew privata jew istituzzjoni marbuta mal-UE;

U

(v) Ikollhom għarfien għoli fl-Ingliż u l-Malti (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' referenza għal-lingwi jew CEFRL).

Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii) Be in possession of a recognised post-graduate degree (Master's qualification) at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2008) related to European affairs from a recognised university or a recognised comparable qualification. These include Diplomatic Studies, International Relations, Political Science, Public Policy, Social Policy in areas such as European Union Studies, Public Policy, Project Management, Legal Studies, and any other areas as deemed relevant;

OR

iii) Be in possession of a recognised academic qualification at MQF level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent or with the regards to programmes commencing as from October 2023, duly certified by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) related to European affairs. These include Diplomatic Studies, International Relations, Political Science, Public Policy, Social Policy in areas such as European Union Studies, Public Policy, Project Management, Legal Studies, and any other areas as deemed relevant;

OR

iv) Be in possession of a recognised academic qualification at MQF level 5 duly certified by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) related to European affairs. These include Diplomatic Studies, International Relations, Political Science, Public Policy, Social Policy in areas such as European Union Studies, Management, Public Policy, Project Management, Legal Studies, and any other areas as deemed relevant AND a minimum of (3) years' work experience in relation to EU policy and/or EU funding at a public or private organisation or an EU related institution;

AND

v) Possess thorough knowledge in both English and Maltese (level C1 in all dimensions as per the Common European Framework of Reference for Languages or CEFRL).

3.2 i. Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

ii. Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jippreżentaw evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni sad-data tal-għeluq tas-sejħa.

iii. Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

iv. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtoritajiet maħtura oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet elenkati taħt it-Taqsima 7.

4. Proċeduri tal-Għażla

4.1 Il-kandidati eliġibbli jiġu mistiedna għal intervista mill-bord tal-għażla biex jiġi determinat jekk humiex adatti biex iwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija ta' 100% u l-marka minima hija ta' 50%.

5. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

5.1 Curriculum Vitae dettaljat li jinkludi lista ta' kwalifiki li għandu l-applikant li juri b'mod ċar il-post li qed japplika għalih; U

5.2 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom ikunu sostnuti b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta mal-Curriculum Vitae fl-istadju tal-applikazzjoni.

5.3 Jipproduċi ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni

5.4 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill- Kap Eżekuttiv u jistgħu jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.sem@gov.mt), jew bil-posta, jew jitwasslu fl-uffiċċju ta' SEM f'280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112, f'envelop magħluq sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju, 2025.

Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-applikazzjonijiet.

3.2 i. Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

ii. Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question by the date of the closure of the call.

iii. Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

iv. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications listed under Section 7.

4. Selection Procedures

4.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5. Submission of Supporting Documentation

5.1 A detailed curriculum vitae including a list of qualifications held by the applicant clearly highlighting the post being applied to; AND

5.2 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent with the Curriculum Vitae at application stage.

5.3 Produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application.

5.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Applications are to be addressed to the CEO and may be sent via email on (recruitment.sem@gov.mt), or by post, or delivered to SEM office at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112 in a sealed envelope by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th July, 2025.

Applications will be acknowledged in writing within five (5) working days from date of receipt.

Fin-nuqqas ta' rċevuta fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, huma l-applikanti konċernati li għandhom jikkonfermaw mal-entità jekk l-applikazzjoni waslitx sad-data tal-għeluq.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati jew rikonoxxuti.

6. Informazzjoni Addizzjonali

6.1 Bdil raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà rreġistrati.

Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' persuni b'Diżabbiltà jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabbiltà), (Kap. 413 tal-Liġijiet ta' Malta), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għalkollox ir-rekwiżiti għal dan il-post/din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet għal bdil raġonevoli għandhom isiru skont il-formola speċifika li tinsab fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservices.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) (People Resourcing and Compliance – forms and templates), li għandha tiġi mehmuża mal-formola tal- applikazzjoni u għandha tkun imsaħħa b'dokumentazzjoni rilevanti li tinkludi evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni mal- Kummissjoni għad-Drittijiet ta 'persuni b' Diżabilita. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati għaliex ir- rekwiżiti kollha tal-eliġibilità mhux qegħdin jiġu sodisfatti u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet raġunati. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid- dipartiment/direttorat/diviżjoni riċeventi.

6.2 Sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki

a) B'eċċezzjoni għal dawk il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 6.2b u 6.2c hawn isfel, l-applikanti għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki u tal-Informazzjoni (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata (NCFHE), li għandha tinkiseb permezz ta' applikazzjoni online minn (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Qabel ma jintalbu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki skont paragrafu 3, il-kandidati huma mitluba l-ewwel jikkonsultaw il-'Lista ta' Korsijiet Akkreditati Offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati' tal-NCFHE li tista' tinkiseb minn (https://qualifications.mfhea.gov.mt/#/dashboard). L-applikanti huma eżentati milli jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent hekk kif imsemmi f'paragrafu 6.2a jekk

In the absence of an acknowledgment within five (5) working days from the closing date of applications, it is the responsibility of applicants concerned to confirm with the receiving entity whether the application was received by the closing date.

Applications which are received after closing date and time are not accepted or acknowledged.

6. Additional Information

6.1 Reasonable accommodation for registered persons with disability.

Persons registered with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Chapter 413 of the Laws of Malta), even if they do not satisfy, in full, the requirements for this post/position, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post/position and subject to the approval of the Public Service Commission.

Requests for reasonable accommodation are to be made through the specific form available on the People and Standards Division website at the address (https://publicservices.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) (People Resourcing & Compliance – forms and templates), which should be attached to the application form and supported with relevant documentation including documentary evidence of registration with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD). Reasoned justification should be given why full eligibility requirements are not being met and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to Servizz Ewropej f'Malta.

6.2 Submission of recognition statements in respect of qualifications

a) With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 6.2b and 6.2c hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition of Qualifications' at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Prior to requesting recognition statements as per paragraph 3 above in respect of their qualifications, candidates should first consult the 'List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions' of the NCFHE which can be accessed on (https://qualifications.mfhea.gov.mt/#/dashboard) are exempt from submitting a recognition

qegħdin jippreżentaw kwalifiki mniżżla f'din il-lista. Il-kandidati għandhom jippreżentaw kopja stampata ta' din il-lista li tinkludi l-kwalifika meħtieġa.

c) Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximenti mill-MQRIC għall-kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li huma self-accrediting, jiġifieri mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS); jew kwalunkwe kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikat jingħad 'Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata jidhrilha li dan iċ-ċertifikat huwa ta' MQF '.

d) Fejn jikkonċerna l-kwalifiki l-oħrajn kollha li ma jaqgħux taħt paragrafu 6.2b u 6.2c, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif spjegat f'paragrafu 6.2a.

6.3 Sottomissjoni ta' rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà, pubblikazzjoni tar-riżultat u sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat

a) Rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà jistgħu jsiru mill-kandidati lis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1012, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.mfi@gov.mt). Dawn ir-rappreżentazzjonijiet bil-miktub għandhom jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-kandidat jiġi infurmat mill-bord tal-għażla li mhuwiex eliġibbli.

b) Ir-riżultati jiġu ppubblikati u esibiti fuq in-notice board ta' Servizzi Ewropej f'Malta. Barra minn hekk, notifika tal-ħruġ tar-riżultat tintbagħat permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz elettroniku tal-kandidati.

c) Oġġezzjonijiet għar-riżultat għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Permanenti, Ministeru ghall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1012, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.mfi@gov.mt). L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha n-notifika tkun ġiet ippubblikata fuq in-notice board. Il-kandidati huma avżati biex jiċċekkjaw regolarment l-ittri elettroniċi tagħhom sabiex ikunu jafu bil-pubblikazzjoni tar-riżultat.

7. Informazzjoni Oħra

Servizzi Ewropej f'Malta hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs kif iċċertifikat mill-NCPE (Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza) u hija impenjata li tħaddem politika ta' opportunitajiet indaqs fl-aspetti kollha tal-impjieg u tieħu ħsieb li tevita kull forma ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha.

Il-kandidati m'għandhomx jersqu, direttament jew indirettament, lejn il-bord tal-għażla taħt l-ebda ċirkostanza fir-rigward ta' dan il-proċess ta' reklutaġġ. Il-bord tal-għażla

statement as mentioned in paragraph 6.2a if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

c) No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificate's states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF '.

d) In the case of qualifications not covered by 6.2b and 6.2c, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 6.2a.

6.3 Submission of representations regarding ineligibility, publication of result and submission of petitions relating to the result.

a) Representations on issues of ineligibility may be made by candidates to the Permanent Secretary, Ministry for European Funds and Implementation of the Electoral Programme, Casa Leoni, 476, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1012, or through electronic mail on (permsec.mfi@gov.mt). Such representations, in writing, are to be submitted within five (5) working days from the date on which the candidate is informed by the selection board that s/he is not eligible.

b) The results will be published and exhibited on the notice board of Servizzi Ewropej f'Malta. Furthermore, a notification of the issue of the result will be sent by email to candidates' electronic address.

c) Petitions objecting to the result are to be submitted to the Permanent Secretary, Ministry for European Funds and Implementation of the Electoral Programme, Casa Leoni, 476, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, Santa Venera SVR 1012, or through electronic mail on (permsec.mfi@gov.mt). Petitions are to reach the Commission within ten (10) working days from the date on which the notification has been published on the noticeboard. Candidates are advised to regularly check their emails in order to be aware of the publication of the result.

7. Other Information

SEM is an Equal Opportunities Employer as certified by the NCPE (National Commission for the Protection of Equality) and is committed to a policy of equal opportunity in all aspects of employment and will take care to avoid any form of discrimination in its recruitment procedures.

Candidates should not approach, directly or indirectly, the selection board under any circumstances in relation to this recruitment process. The selection board reserves

jżomm id-dritt li jiskwalifika kull kandidat li ma jagħtix kas din l-istruzzjoni.

SEM għandha tiżgura li kwalunkwe pproċessar ta' data personali jkun skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u kwalunkwe liġi rilevanti oħra tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali.

Il-kandidati għandhom jinnutaw li s-sottomissjoni ta' kwalunkwe dikjarazzjoni jew ommissjoni falza, anke jekk mhux intenzjonata, tista' twassal għat-tħassir tal-applikazzjoni tagħhom u tista' tirrendi l-ħatra tal-kandidat suġġett għat-terminazzjoni.

SEM tirriżerva d-dritt li tirtira din is-sejħa fi kwalunkwe ħin u li ma tagħżel l-ebda wieħed mill-kandidati.

8. Żamma ta' Dokumenti

L-applikazzjonijiet jinżammu skont iż-żmien stipulat fir-Retention Policy ta' Servizzi Ewropej f'Malta.

L-4 ta' Lulju, 2025

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

Suldat Regolari, Suldat Regolari b'tagħlim tekniku u Suldat Regolari bi sfond mużikali

1. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Forżi Armati ta' Malta (FAM) jistiednu l-applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' suldati sabiex iservu fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

2.1 L-applikanti:

a) għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b) għandhom ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sal-31 ta' Diċembru, 2025, u ma jkunux għalqu t-tletin (30) sena sat-30 ta' April, 2026;

c) għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

d) għandhom ikunu kapaċi jgħumu;

e) għandhom ikunu twal tal-anqas 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

the right to disqualify any candidate who disregards this instruction.

SEM shall ensure that any processing of personal data is in accordance with Regulation (EU) 2016/679 (General Data Protection Regulation), the Data Protection Act (Chapter 586 of the Laws of Malta) and any other relevant European Union and national law.

Candidates are to note that the submission of any false statement/s or omission, even if unintended, may lead to the cancellation of their application and may render the candidate's appointment liable to termination.

SEM reserves the right to withdraw this call at any time and not to select any of the candidates.

8. Retention of Documents

Applications will be retained in line with the stipulated timeframe in the Retention Policy of Servizzi Ewropej f'Malta.

4th July, 2025

ARMED FORCES OF MALTA

Call for the enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

Regular Soldier, Regular Soldier with technical background and Regular Soldier with a musician background

1. The Registrar of Examinations together with the Armed Forces of Malta (AFM) invites applications for the enlistment of soldiers to serve in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

Eligibility Requirements

2.1 Applicants must:

a) be Maltese citizens;

b) be eighteen (18) years of age by 31st December, 2025, but have not reached the age of thirty (30) by 30th April, 2026;

c) be of good moral character;

d) be able to swim;

e. be not less than the minimum height required, i.e. 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

f) m'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq u l-wiċċ, il-pala u s-swaba' tal-id jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq kull parti tal-ġisem;

g) (i) ikollhom ċertifikati fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika f'Livell 2 tal-MQF (b'minimu ta' Grad 7 fil-każ ta' eżamijiet taċ-ĊES (SEC), jew Grad E jew 3 fil-każ ta' eżamijiet ta' Edexcel (London), jew livell komparabbli). Il-predictive assessments mis-sessjoni Ewlenija tal-MATSEC tal-2020 jiġu aċċettati dment li jindikaw tal-anqas Livell 2 tal-MQF fis-suġġetti rikjesti;

U/JEW

(ii) ikollhom kwalifika rikonoxxuta mhux inqas minn Livell 2 tal-MQF, jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f'Livell 2 tal-MQF li ngħata mhux qabel l-2015. Fiż-żewġ każijiet, il-komponenti tal-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għandhom ikunu inklużi bħala core subjects;

U/JEW

(iii) jgħaddu b'suċċess eżami tal-kitba fis-suġġett/i mitluba (il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika) li jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali bħala parti minn dan il-Proċess tal-Għażla.

Dawk l-applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet tal-kitba li kienu parti minn sejħiet preċedenti maħruġa għall-ingaġġ ta' suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) mill-2013 (MGG 19,144 datata 27 ta' Settembru, 2013) 'il quddiem, jiġu eżentati milli jpoġġu għall-eżamijiet rispettivi.

U

h) (i) fil-każ ta' Suldati Regolari bi sfond tekniku l-applikanti għandhom ikunu fil-pussess tar-rekwiżiti mniżżlin f'para g (i) u/jew (ii) u/jew (iii) kif ukoll ikollhom BTEC/MCAST diploma (Livell 3 tal-MQF jew ogħla) jew ekwivalenti minn istituzzjoni rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-każ ta' Suldati Regolari bi sfond mużikali l-applikanti għandhom ikunu fil-pussess tar-rekwiżiti mniżżlin f'para. g (i) u/jew (ii) u/jew (iii) u jkunu mużikalment profiċjenti fi strument wieħed jew iktar.

2.2. L-FAM jistgħu jikkunsidraw li jingaġġaw lil dawk l-applikanti li jonqsu milli jiksbu r-rekwiżiti indikati fil-para. g (i) u/jew (ii) u/jew (iii). Huwa obbligatorju li dawn l-applikanti jiksbu r-rekwiżiti speċifikati sabiex javvanzaw fil-gradi skont l-istruttura tal-gradi tal-FAM. Il-persuni

f) not have excessive tattoos, and definitely not on face, neck and the face, palm and fingers of the hand or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body;

g) (i) be in possession of a pass in Maltese, English Language and Mathematics at MQF Level 2 (at least at Grade 7 in the case of SEC examinations, or Grade E or 3 in the case of Edexcel (London) examinations, or a comparable level). Predictive assessments from the 2020 Main MATSEC session indicating at least an MQF Level 2 in the required subjects will be accepted;

AND/OR

(ii) be in possession of a recognised qualification at MQF Level 2, or a Secondary School Certificate and Profiling Qualification at MQF Level 2 awarded not earlier than 2015. In both cases, components in Maltese, English Language and Mathematics must be included as core subjects;

AND/OR

(iii) be successful in a written examination in the required subject/s (Maltese, English Language, and Mathematics) which shall be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations as part of this Selection Process.

Applicants who have passed the written examinations forming part of previous calls issued for enlistment of soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) from 2013 (MGG 19,144 dated 27 September, 2013) onwards will be exempted from sitting for the respective examinations.

AND

h) (i) in the case of Regular Soldier with technical background applicants must be in possession of the requirements listed in para g (i) and/or (ii) and/or (iii) as well as a BTEC/MCAST diploma (MQF Level 3 or higher) or an equivalent qualification from a recognised institution.

OR

(ii) in the case of Regular Soldier with a musical background applicants must be in possession of the requirements listed in para. g (i) and/or (ii) and/or (iii) as well as be musically proficient in one or more instruments.

2.2 The AFM may consider engaging applicants who fail to achieve the requirements listed in para. g (i) and/or (ii) and/or (iii). It is mandatory for these applicants to obtain the specified requirements in order to progress through the ranks as per AFM rank structure. Enlisted personnel who are

ingaġġati li ma jkunux jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti deskritti fil-paragrafu g (i) u/jew (ii) u/jew (iii) ma jkunux eliġibbli għall-promozzjonijiet sakemm jiksbuhom.

2.3 Għandha tingħata preferenza lill-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 2.1 g (i) u/jew (ii) u/jew (iii).

3. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq, jiġu aċċettati għal skopijiet ta' eliġibbiltà sakemm dawn jissodisfaw is-suġġetti mitluba.

4. Il-Proċess tal-Għażla

4.1. Il-Proċess tal-Għażla jikkonsisti fi:

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika
Parti II – Eżami tal-Kitba skont para. 2(g)(iii) fejn applikabbli
Parti III – Intervista
Parti IV – Test Militari
Parti V – Eżami Mediku

Il-Partijiet I, III u IV isiru fl-istess jum. L-applikanti jingħataw informazzjoni rilevanti iktar 'il quddiem.

4.2 Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

4.3 Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess tal-Għażla u jiġu annullati r-riżultati tagħhom.

4.4 Il-postijiet vakanti ta' din is-sejħa jimtlew skont l-ordni finali tal-mertu li jappartjeni għal din is-sejħa
.
L-ordni tal-mertu finali jibqa' validu sa sitt xhur minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali. L-ordni finali tal-mertu, li jappartjeni għal din is-sejħa, ikun determinat mit-total tal-punti miksuba fil-Proċess tal-Għażla kif ġej:

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika (Punti: Massimu 300, Minimu 150);

Parti III – Intervista (Punti: Massimu 300, Minimu 150. Massimu ta' 100 punt addizzjonali jingħataw għall-kwalifiki addizzjonali, basta l-applikanti jiksbu minimu ta' 150 marka fl-Intervista).

5. Parti I – Eżami tal-Effiċjenza Fiżika

5.1 Parti I tal-Proċess tal-Għażla se titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-applikanti jiġu mkejla għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'paragrafu 2 ta' din

unable to meet the requirements outlined in para. g (i) and/or (ii) and/or (iii) will be ineligible for promotions until they successfully attain them.

2.3 Preference shall be given to applicants who meet requirements specified in para. 2.1 g (i) and/or (ii) and/or (iii).

3. Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

4. Selection Process

4.1 The Selection Process consists of:

Part I – Physical Efficiency Test
Part II – Written Examination as per para. 2(g)(iii) where applicable
Part III – Interview
Part IV – Military test
Part V – Medical Examination

Parts I, III and IV shall be held on the same day. Applicants shall be provided with relevant information in due course.

4.2 Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

4.3 Applicants who at any time are found not to fulfil the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the Selection Process and shall have their results annulled.

4.4 Vacancies for this call will be filled in accordance with the final order of merit pertaining to this call.

The validity of the final order of merit will expire after six months from publication of the final result. The final order of merit, pertaining to this call, will be determined by the total points gained in the Selection Process as follows:

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 300, Minimum 150);

Part III – Interview (Points: Maximum 300, Minimum 150. An additional maximum 100 points shall be given for additional qualifications, provided applicants obtain a minimum of 150 marks in the Interview).

5. Part I – Physical Efficiency Test

5.1 Part I of the Selection Process will be conducted by the Armed Forces of Malta. Applicants will be checked for height to ensure that they meet the requirements stipulated in

is-sejħa. L-applikanti jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

5.2 L-istandards minimi huma kif ġejjin:

a) 1 mile run – mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa;

b) Push-ups – mhux anqas minn 30 darba fil-każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' 2 minuti;

c) Sit-ups – mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' 2 minuti.

5.3 L-applikanti jridu tal-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull parti tat-test fiżiku biex jitqiesu li għaddew mill-Eżami ta' Effiċjenza Fiżika.

5.4 L-applikanti li ma jgħaddux minn parti waħda tat-test fiżiku, jew il-1 mile run jew il-push-ups jew is-sit-ups, ikunu jistgħu jerġgħu ipoġġu għal re-sit ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien mhux inqas minn għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test komplut, iżda fil-każ li jgħaddu minn dan ir-re-test xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 150, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet fiżiċi l-oħra.

5.5 Ir-riżultati tal-Eżami ta' Parti I ikunu ppubblikati fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

6. Parti II – Eżami tal-Kitba

6.1 Il-punti miksuba f'din il-Parti ma jiġux ikkunsidrati fl-ordni tal-mertu finali.

6.2. Il-Parti II tal-Proċess tal-Għażla titmexxa mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u mill-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Applikanti li m'għandhomx il-kwalifiki speċifikati f'paragrafu 2(g)(i) u/jew (ii) u/jew huma konformi parzjalment mar-rekwiżiti minimi tal-eżami tal-kitba f'sejħiet preċedenti skont paragrafu 2(g)(iii), għandhom ipoġġu għall-eżami tal-kitba fis-suġġett/i rikjest/i (il-Malti, u/jew il-Lingwa Ingliża u/jew il-Matematika). L-eżami jkollu format tal-għażla multipla (multiple choice). Kull karta tal-eżami għandha tul ta' siegħa u nofs (1½). Non-scientific calculators jistgħu jintużaw waqt l-eżami tal-Matematika. Eżempji tal-karti tal-eżami u past papers jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/afm-past-papers-marking-schemes/).

6.3 Is-sillabi tal-eżamijiet tal-kitba jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/)

paragraph 2 of this call. Applicants shall be required to pass a Physical Efficiency Test to ensure fitness to the Regular Force standards.

5.2 The minimum standards are as follows:

a) 1 mile run – not more than 8 minutes and 30 seconds for males, and 10 minutes and 18 seconds for females;

b) Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes;

c) Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

5.3 Applicants must at least attain the minimum standard in each part of the physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test.

5.4 Applicants who fail in one feat only, i.e. either the 1 mile run or the push-ups or the sit¬-ups, will be allowed to re-sit that one particular event not less than ten (10) days following the first complete test, but if successful in such re-test, will only be entitled to the minimum pass mark of 150, regardless of the scores obtained in the other feats.

5.5 Results pertaining to Part I shall be published on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

6. Part II – Written Exam

6.1. Marks obtained in this Part will not be taken into consideration in the final order of merit.

6.2 Part II of the Selection Process will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. Applicants who are not in possession of the qualifications specified in paragraph 2(g)(i) and/or (ii) and/or are in partial compliance with minimum requirements of written examinations of previous calls as per paragraph 2(g)(iii), have to sit for a written examination in the required subject/s (Maltese and/or English Language and/or Mathematics). The examination shall be in multiple choice format. Each examination paper shall be of a one and a half (1½) hour duration. Non-scientific calculators are allowed during the Mathematics examination. Sample examination papers and past papers can be viewed by accessing the link (https://myexams.gov.mt/afm-past-papers-marking-schemes/).

6.3 The syllabi for the written examinations can be viewed by accessing the link (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/)

6.4 Kull karta tal-eżami ġġorr massimu ta' 100 marka. Il-pass mark f'kull karta hija ta' 50 marka.

6.5 Il-Parti II issir kif ġej:

Malti: L-Erbgħa, 10 ta' Settembru, 2025
Ingliż: Il-Ħamis, 11 ta' Settembru, 2025
Matematika: Il-Ġimgħa, 12 ta' Settembru, 2025

Id-dati indikati huma suġġetti għal bidliet. Madankollu, f'kull każ, il-kandidati jiġu infurmati għaxart (10) ijiem tax-xogħol bil-quddiem mid-data tal-eżami.

6.6 Ir-riżultati tal-Eżamijiet tal-Kitba jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Fejn il-kandidati jipprovdu numru validu tal-mobile, tintbagħat notifika ta' korteżija permezz ta' SMS. L-applikanti jistgħu jitolbu reviżjoni tal-karta/i mhux iktar tard minn ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati, skont il-kundizzjonijiet stipulati mid-Dipartiment tal-Eżamijiet li jiġu kkomunikati iktar 'il quddiem.

7. Parti III – Intervista

7.1 Il-Parti III titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-intervista hija intiża sabiex jiġi żgurat li l-applikanti huma adattati għas-servizz tal-militar. L-applikanti huma mitluba li jġibu minimu ta' 150 punt minn massimu ta' 300 punt sabiex ikomplu jiġu kkunsidrati. Ir-riżultat huwa finali.

7.2 Applikanti li ma jgħaddux mill-intervista ma jingħatawx punti għall-kwalifiki addizzjonali.

7.3 Il-punti għall-kwalifiki addizzjonali se jiġu allokati kif miġjub hawn taħt:

Livell 4 tal-MQF – 15-il punt kull suġġett
Livell 3 tal-MQF – 10 punti kull suġġett
Livell 2 tal-MQF – 5 punti kull suġġett (ħlief għall-core subjects)

7.4 Ir-riżultati tal-Intervista u tat-Test Militari jiġu ppubblikati fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta.

7.5 Bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kwalifiki msemmija f'paragrafi 7.6 u 7.7 hawn taħt, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), fi ħdan l-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), liema talba għandha tiġi sottomessa fis-sit (https://mfhea.mt/academic-qualifications/). Tali dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

6.4 Each paper carries a maximum of 100 marks, whilst the pass mark in each of the papers is 50 marks.

6.5 Part II shall be held as follows:

Maltese: Wednesday, 10th September, 2025
English: Thursday, 11th September, 2025
Mathematics: Friday, 12th September, 2025

The dates indicated are subject to change. In all cases, however, candidates will be informed ten (10) working days in advance of the date of the examination.

6.6 Results pertaining to the Written Examination will be sent by email from the Department of Examinations. Where candidates provide a valid mobile number, a courtesy SMS notification will be sent. Applicants may request a revision of paper/s not later than five (5) working days from the date of issue of results, according to conditions established by the Department of Examinations which will be communicated in due course.

7. Part III – Interview

7.1 Part III will be conducted by the Armed Forces of Malta. The interview is designed to assess an applicant's suitability for military service. Applicants are required to obtain a minimum of 150 points from a maximum of 300 points to be considered further. The result is final.

7.2 In the event of failure in the interview, no points will be allocated for additional qualifications.

7.3 Points for additional qualifications will be allocated as shown hereunder:

MQF Level 4 – 15 points per subject
MQF Level 3 – 10 points per subject
MQF Level 2 – 5 points per subject (except for core subjects)

7.4 Results pertaining to the Interview and Military Test shall be published on the Official Website of the Armed Forces of Malta.

7.5 With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 7.6 and 7.7 hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application at (https://mfhea.mt/academic-qualifications/). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

7.6 Tista' ma tiġix ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin self-accrediting bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS, jew xi kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-MFHEA.

7.7 Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent skont il-paragrafu 7.5 hawn fuq, fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-'List of Licensed Providers and Accredited Programmes' tal-MFHEA li tista' tiġi aċċessata fuq (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/). L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jekk huma jippreżentaw il-kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

7.8 Fil-każ ta' kwalifiki mhux koperti b'paragrafi 7.6 u 7.7, l-applikanti jridu jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif deskritt f'paragrafu 7.5. L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa' l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli, u fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC għall-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn il-kwalifiki ma jiġux ikunsidrati.

7.9 Dawk li japplikaw bħala mużiċisti jkunu suġġetti għal udjenzi bi prova sabiex jiddeterminaw jekk il-livell ta' profiċjenza mużikali tagħhom hix tal-livell meħtieġ mill-Banda tal-FAM. Ir-riżultat huwa finali.

8. Parti IV – Test Militari

Din il-parti tal-Proċess tal-Għażla għandha tagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ tal-Armata biex tgħinhom jiddeċiedu jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti jkunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji ta' natura militari.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal li qed jagħti direzzjoni jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari, għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

9. Parti V – Eżami Mediku

9.1 L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards

7.6 No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, including the University of Malta, MCAST and ITS, or any Maltese qualification that has been accredited by the MFHEA.

7.7 Prior to requesting recognition statements as per paragraph 7.5 above in respect of their qualifications, applicants should first consult the 'List of Licensed Providers and Accredited Programmes' of the MFHEA which can be accessed from (https://mfhea.mt/list-of-licensed-providers-and-accredited-programmes/). Applicants are exempted from submitting a recognition statement if they are presenting qualifications listed therein. A printed copy of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

7.8 In the case of qualifications not covered by paragraphs 7.6 and 7.7, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 7.5. Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by not later than the date of the interview, such qualifications will not be considered.

7.9 Those applying with a musical background, shall be subject to auditions to determine if their level of musical proficiency is aligned with the standard required by the AFM Band. The result is final.

8. Part IV – Military Test

This part of the Selection Process shall give applicants an indication of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of exercises of a military nature.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the Selection Process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour which would constitute a military offence because it is considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

9. Part V – Medical Examination

9.1 Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to the Regular

tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Il-ġudizzju tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwiex medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

9.2 L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern u privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta kif meqjus xieraq.

10. Karattru Morali

10.1 L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu fl-applikazzjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

10.2 L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta u jħallsu l-pagament dovut (€5.50), sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu verżjoni scanned tal-irċevuta maħruġa mill-FAM mal-applikazzjoni online. Applikazzjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jitqisux validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

10.3 Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM.

10.4 L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikanti li jkunu għaddew mill-Proċess tal-Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li dawn għandhom rekord kriminali mhux aċċettabbli, jew inkella jkunu tkeċċew mill-FAM, jew minn xi korp dixxiplinat ieħor.

11. Ingaġġ

11.1 Il-kandidati li jintgħażlu jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test Preparatorju ta' Effiċjenza Fiżika qabel jiġu ingaġġati biex jiġi żgurat li jkunu għadhom fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

11.2 Il-kandidati magħżula se jiġu ingaġġati sabiex jimlew il-postijiet vakanti bħala Gunner Rekluti u jkunu jridu jagħmlu taħriġ bażiku għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames (5) xhur. Rekluti jistgħu jiġu rilaxxati mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

11.3 Ir-rekluti li jlestu dan il-kors ta' taħriġ bażiku jiġu kkonfermati fir-rank ta' Gunner u jiġu impjegati fit-taqsimiet differenti tal-FAM skont l-esiġenzi tas-Servizz.

Force standards. Further information on the Regular Force standards shall be made available upon formal request by the applicants. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

9.2 Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

10. Moral Character

10.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

10.2 Applicants are to apply at the General Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee (€5.50) so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach a scanned copy of the receipt issued by the AFM to the online application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

10.3 Vetting will be in accordance with AFM policies.

10.4 The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined force.

11. Enlistment

11.1 Successful candidates shall be required to attend a Preparatory Physical Efficiency Test prior enlistment to ensure fitness to the Regular Force standards.

11.2 Selected candidates shall be enlisted to fill vacancies as Gunner Recruits and will be required to undergo a basic training course of five (5) months maximum duration. Recruits may be discharged from the Service should they fail to achieve the required standards.

11.3 Recruits who successfully complete the basic training course will be confirmed in the rank of Gunner in the AFM and shall be posted to various Units according to the exigencies of the Service.

11.4 Ir-rekluti jitpoġġew fuq skala 16 fejn jibdew b'salarju ta' €16,915.00 fis-sena għal-perjodu tal-kors tat-taħriġ bażiku. Wara l-kors jipproċedu għal skala 14/3 b'salarju ta' €20,225.00 u sussegwentament għal skala 13 wara sentejn servizz. Persuni ingaġġati jistgħu wkoll ikunu eliġibbli għal diversi forom ta' allowances sa massimu ta' €9,693.00 skont ir-rank, fuq il-kisba ta' kwalifiki militari u tip ta' speċjalizzazzjonijiet.

12. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

12.1 L-applikanti għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt) mill-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025 sal-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025.

12.2. Meta qed japplikaw, l-applikanti għandhom jipprovdu:

(i) ritratt bil-kulur tad-daqs tal-passaport li jkun konformi mal-istandards imfasslin minn Identità, li jistgħu jinkisbu minn (https://identita.gov.mt/wp-content/uploads/2023/10/Biometric-photos.pdf).

(ii) irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni kriminali (Fedina Penali). Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati;

(iii) miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli) – ħlas isir biss online permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ hawn fuq imsemmi;

(iv) kopji skannjati b'mod ċar tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u transcripts mitluba u dikjarazzjoni tal-Livell tal-MQF fejn applikabbli.

12.3 Id-dokumenti oriġinali u d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent u/jew iċ-ċertifikati għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

12.4 Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet u li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom, għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika, bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq, biss jekk ikollhom din l-irċevuta. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

11.4 Recruits will be placed on salary scale 16 with an initial salary of €16,915.00 per annum for the duration of the basic training course. They will proceed to salary scale 14/3 with a salary of €20,225.00 per annum after successful completion of the course and to salary scale 13 after two years of service. Enlisted persons may also be eligible to various forms of allowances of up to a maximum of €9,693.00 according to rank, on the achievement of military qualifications and types of specialisations

12. Submission of Applications

12.1 Candidates are to apply through the Recruitment Portal of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (https://edurecruitment.gov.mt) from Friday, 4th July, 2025 till Friday, 18th July, 2025.

12.2 When applying, applicants must provide:

(i) a colour passport-sized photograph which must conform to the standards established by Identità, which can be found at: (https://identita.gov.mt/wp-content/uploads/2023/10/Biometric-photos.pdf).

(ii) receipt (dated after the publication of this call) issued by the AFM on application for issue of record of criminal convictions (Fedina Penali). Conduct certificates are not accepted;

(iii) an examination fee of €9.30 (non-refundable) – payment is accepted only by means of the abovementioned Recruitment Portal;

(iv) clear scanned copies of all pages of the requested certificates and transcripts including MQF Level statement where applicable.

12.3 Original documents, recognition statements and/or certificates are to be invariably produced during the interview.

12.4 Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. Applicants are to ensure that after the submission of their application, a copy of the receipt of application received through an email, is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time, only if they are in possession of this receipt. Late applications will not be considered.

12.5 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

12.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess tal-Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

12.7 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar il-Proċess tal-Għażla jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-Proċess tal-Għażla. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-Proċess tal-Għażla.

12.8 Aktar informazzjoni fuq l-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (https://afm.gov.mt/).

L-4 ta' Lulju, 2025

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta
(Forza Regolari)

1. Il-Forzi Armati ta' Malta jistiednu applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta':

a) Uffiċjali Kadetti;
b) Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-Baħar;
c) Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru,

għall-ingaġġ inizjali ta' tnax-il xahar, fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti:

a) għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b) għandhom ikunu medikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet skont il-livell tal-Forza Regolari. Dan jinkludi li ma jkunux iqsar minn 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

c) għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

d) għandhom ikunu kapaċi jgħumu;

e) għandhom ikunu għalqu t-18-il sena sal-31 ta' Diċembru, 2025, u ma jkunux għalqu t-30 sena sat-30 t' April, 2026;

12.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

12.6 The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

12.7 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Selection Process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Selection Process.

12.8 Further information on the AFM can be found on the AFM website (https://afm.gov.mt/).

4th July, 2025

ARMED FORCES OF MALTA

Call for enlistment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta
(Regular Force)

1. The Armed Forces of Malta invites applications for the enlistment of:

a) Officer Cadets;
b) Sea going Officer Cadets;
c) Air Pilot Officer Cadets,

on an initial twelve month engagement in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must:

a) be citizens of Malta;

b) be medically fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

c) be of good moral character;

d) be able to swim;

e) be 18 years of age by 31st December, 2025, and not having attained the age of 30 by 30th April, 2026;

f) ma jkollhomx tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq u l-wicc il-pala u swaba tal-id jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indeċenti jew razzisti fuq kull parti tal-ġisem.

3. L-applikanti għandhom:

a) jekk japplikaw għall- kariga ta' Uffiċjali Kadetti:

(i) ikunu għaddew f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju taċ-ĊES (SEC) jew General Certificate of Education (bi Grad tal-anqas 5 fil-każ taċ-ĊES (SEC) jew 4/C fil-każ tal-Edexcel (London)). Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-Xjenza (il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, jew l-Istudji tal-Kompjuter).

JEW Kwalifika f'Livell 3 jew ogħla tal-MQF (b'minimu ta' 60 ECTS), dment li l-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett tax-Xjenza (il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, jew l-Istudji tal-Kompjuter) ikunu mniżżlin fit-transcript bħala study units individwali f'Livell 3 tal-MQF jew ogħla;

U

(ii) ikunu għaddew f'żewġ suġġetti f'Livell Avvanzat (MATSEC jew General Certificate of Education bi Grad tal-anqas Grad D jew aħjar);

JEW ikollhom Diploma fil-Livell 4 tal-MQF (b'minimu ta' 120 ECTS);

JEW ikollhom Diploma fil-Livell 5 tal-MQF (b'minimu ta' 60 ECTS);

JEW ikollhom Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF (b'minimu ta' 180 ECTS);

JEW ikollhom Postgraduate Diploma fil-Livell 7 tal-MQF (b'minimu ta' 60 ECTS);

JEW ikollhom Master's Degree f'Livell 7 tal-MQF (b'minimu ta' 90 ECTS);

JEW ikollhom Dottorat fil-Livell 8 tal-MQF.

b) jekk japplikaw għall-kariga ta' Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar, ikollhom ir-rekwiżiti msemmija f'para 3(a)(i) u (ii) kif ukoll ikunu temmew b'suċċess kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fin-Navigational Watch jew kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fl-Engineering Watch maħruġ mill-Istitut Marittimu tal-MCAST;

f) not sport excessive tattoos, but definitely not on face and neck and any part of the hand or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body.

3. Applicants must:

a) if applying for the posts of Officer Cadets, be in possession of passes in:

(i) six subjects at Ordinary Level of the SEC or General Certificate of Education (minimum Grade 5 in the case of SEC and Grade 4/C in the case of Edexcel (London) examinations). These six subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and one Science subject (Physics, Chemistry, Biology, or Computer Studies).

OR A qualification at MQF Level 3 or higher (with a minimum of 60 ECTS), provided that Maltese, English Language, Mathematics and a Science subject (Physics, Chemistry, Biology or Computer Studies) are listed in the transcript as individual study units at MQF level 3 or higher;

AND

(ii) two subjects at Advanced Level (MATSEC or General Certificate of Education with a minimum Grade D or better);

OR have a Diploma at MQF Level 4 (with a minimum of 120 ECTS);

OR have a Diploma at MQF Level 5 (with a minimum of 60 ECTS);

OR have a Bachelor's Degree at MQF Level 6 (with a minimum of 180 ECTS);

OR have a Postgraduate Diploma at MQF Level 7 (with a minimum of 60 ECTS);

OR have a Master's Degree at MQF Level 7 (with a minimum of 90 ECTS);

OR have a Doctoral Degree at MQF Level 8.

b) if applying for the posts of Sea going Officer Cadets, be in possession of requirements stated in para 3(a)(i) and (ii) and have successfully completed the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of a Navigational Watch or the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of an Engineering Watch at the MCAST Maritime Institute;

c) jekk japplikaw għall-kariga ta' Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru, ikollhom ir-rekwiżiti msemmija f'para. 3(a)(i) u (ii) kif ukoll Commercial Pilot Licence.

Il-kwalifiki tal-ECDL/ICDL mhumiex aċċettati bħala parti mir-rekwiżiti bażiċi.

F'każ li tintuża kwalifika ogħla minn Livell 3 tal-MQF biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 3(a)(i), din l-istess kwalifika ma tistax tiġi kkunsidrata biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 3(a)(ii).

L-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni ta' riżultati ta' xi kwalifika msemmija hawn fuq xorta jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data tal-intervista.

4. Il-Proċess tal-Għażla se jikkonsisti fi:

Parti I – Test ta' Effiċjenza Fiżika
Parti II – Psychometric Test
Parti III – Test Militari
Parti IV – Intervista
Parti V – Eżami Mediku

L-applikanti jingħataw informazzjoni rilevanti dwar kif se jseħħ il-Proċess ta' Għażla iktar 'il quddiem.

Ir-riżultati jkunu ppubblikati fuq is-sit uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta jew mibgħuta permezz ta' ittra elettronika.

Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 u 3 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess tal-Għażla jew jiġu mħassra r-riżultati tagħhom.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

5. L-applikanti jkunu ċċekkjati għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para. 2 ta' din is-sejħa.

6. Il-livell minimu li jrid jintlaħaq f'kull wieħed mit-tliet testijiet ta' effiċjenza fiżika hu kif jidher hawn taħt:

a) 1 mile run – mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa;

b) Push-ups – mhux anqas minn 30 darba fil-każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti;

c) Sit-ups – mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika (Punti: Massimu 150, Minimu 75)

c) if applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets, be in possession of requirements stated in para. 3(a)(i) and (ii) and be in possession of a Commercial Pilot Licence.

ECDL/ICDL qualifications are not accepted as part of the basic requirements.

In the case that a qualification higher than MQF Level 3 is used to satisfy the requirements of para 3(a)(i), this same qualification cannot be considered to satisfy the requirements of para 3(a)(ii).

Applicants who are waiting for the publication of results of any of the qualifications indicated above may still apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

4. The Selection Process shall consist of:

Part I – Fitness Efficiency Test
Part II – Psychometric Test
Part III – Military Test
Part IV – Interview
Part V – Medical examination

Applicants shall be provided with relevant information on the conduct of the Selection Process in due course.

Results shall be published on the Armed Forces of Malta Official Website or sent via email.

Applicants who at any time are found not to fulfill the requirements laid out in paragraph 2 and 3 shall not be allowed to proceed with the Selection Process or shall have their results annulled.

Part I – Fitness Efficiency Test

5. Applicants will be checked for height to ensure that they meet the requirements stipulated in para. 2 of this call.

6. The minimum standards to be reached in each of the fitness tests are as follows:

a) 1 mile run – not more than 8 minutes 30 seconds for males and 10 minutes 18 seconds for females;

b) Push-ups – not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes;

c) Sit-ups – not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 150, Minimum 75)

7. L-applikanti jridu mill-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull parti tat-test fiżiku biex jitqiesu li kisbu pass fl-Eżami tal-Effiċjenza Fiżika, iżda l-applikanti li ma jgħaddux minn wieħed biss mit-testijiet fiżiċi, jiġifieri jew il-1 mile run jew il-push ups jew is-sit ups, ikunu jistgħu jerġgħu jagħmlu re-test ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test, iżda jekk jgħaddu minn dan ir-re-test xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 75, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet l-oħra.

Parti II – Psychometric Test

8. L-applikanti għandhom joqogħdu għal psychometric test sabiex tkun assessjata l-adegwatezza tagħhom biex iservu bħala Fizzjal bil-Kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Iktar informazzjoni fuq is-psychometric test tingħata fuq talba formali mill-applikanti.

Parti III – Test Militari

9. Din il-parti tal-Proċess tal-Għażla għandha tagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ tal-armata biex tgħinhom jiddeċiedu jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti ikunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji militari ta' team building.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal li qed jagħti direzzjoni jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

Parti IV – Intervista

10. L-applikanti jiġu assessjati mill-Bord tal-Għażla biex jiġi żgurat li huma adegwati sabiex iservu bħala Fizzjal bil-Kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Il-marki jingħataw kif ġej:

Marka Massima

Kwalifiki Akkademiċi 80
Intervista (min. 100) 200
Lecturette (min. 35) 70
Massimu: 350

Il-kandidati huma meħtieġa li jagħtu Lecturette ta' ħames (5) minuti dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Waqt il-Lecturette, l-applikanti jistgħu jużaw mezzi bħal Power Point biex jgħinuhom jagħtu l-Lecturette. L-applikanti jridu jiksbu l-istandard minimu fl-Intervista u fil-Lecturette sabiex jitqiesu li għaddew minn din il-parti tal-Proċess tal-Għażla.

7. Applicants must at least attain the minimum standard in each part of the physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test, but applicants who fail in one feat only i.e –the 1-mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-test that one particular event, ten (10) days following the first complete test, but if successful in such re-test, will only be entitled to the minimum pass mark of 75, regardless of the scores obtained in the other feats.

Part II – Psychometric Test

8. Applicants will be required to sit for a psychometric test to assess the candidate's suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Further information on the Psychometric Test shall be made available upon formal request by applicants.

Part III – Military Test

9. This part of the Selection Process shall give applicants an indication of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of military team building exercises.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the Selection Process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour, which would constitute a military offence because it is considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

Part IV – Interview

10. Applicants will be assessed by a Selection Board to assess their suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Marks will be allocated as follows:

Maximum Mark

Academic Qualifications 80
Interview (min. 100) 200
Lecturette (min. 35) 70
Maximum: 350

Applicants shall be required to deliver a five (5) minute Lecturette on a subject of their choice. During the Lecturette, applicants may use their choice of lecture aids, such as Power Point presentation. Applicants must attain the minimum standard in both the Interview and the Lecturette to be considered as having gained an overall pass in this phase of the Selection Process.

Parti V – Eżami Mediku

11. L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba formali mill-applikanti. Applikanti għall-kariga ta' Uffiċjal Kadett Pilota għandhom jissodisfaw ukoll il-livelli mediċi rekwiżiti tal-avjazzjoni kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-każijiet kollha, l-assessjar tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwa medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew Privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati kif meqjus xieraq.

12. L-Ordni tal-Mertu, għal dawk l-applikanti li għaddew mill-partijiet kollha tal-Proċess tal-Għażla, jiġi stabbilit skont it-total ta' marki miksuba fl-Parti I (Eżami ta' Effiċjenza Fiżika) u Parti III (Intervista).

13. Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

14. Ir-riżultat tal-Proċess tal-Għażla jibqa' validu għal sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali.

Karattru Morali

15. L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu, fl-applikazjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta u jħallsu l-pagament dovut (€5.50), sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu verżjoni skennjata tal-irċevuta maħruġa mill-FAM mal-applikazjoni online. Applikazzjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jitqisux validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikanti li jkunu għaddew mill-Proċess tal-Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li dawn għandhom rekord kriminali mhux aċċettabbli, jew inkella jkunu tkeċċew mill-Forzi Armati, jew minn xi korp dixxiplinat ieħor.

Part V – Medical Examination

11. Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force Standards. Further information on the Regular Force Standards shall be made available upon formal request by applicants. Applicants applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets will, in addition, be required to also satisfy both national and international medical aviation standards. In all cases, the AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and Private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

12. The Order of Merit, for those applicants who are successful in all parts of the Selection Process, will be established according to the total marks obtained in Part I (Physical Efficiency Test) and Part III (Interview).

13. Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

14. The result of the selection process will be valid for a period of six months from the date of its official publication.

Moral Character

15. Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

Applicants are to apply at the General Headquarters of the Armed Forces of Malta and pay the applicable fee (€5.50) so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach a scanned copy of the receipt issued by the AFM to the online application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

Vetting will be in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful applicant who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined force.

Applikazzjoni

16. L-applikanti għandhom japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt) mill-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2025 sal-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025.

17. Meta qed japplikaw, l-applikanti għandhom jipprovdu:

a) ritratt bil-kulur tad-daqs tal-passaport li jkun konformi mal-istandards imfasslin minn Identità, li jistgħu jinkisbu minn (https://identita.gov.mt/wp-content/uploads/2023/10/Biometric-photos.pdf);

b) kopji skennjati b'mod ċar tal-paġni kollha taċ-ċertifikati u transcripts mitluba u dikjarazzjoni tal-Livell tal-MQF fejn applikabbli;

c) Service and Leave Record Form – GP47 (applikanti mis-Servizz Pubbliku Malti);

d) irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għal ħruġ tar-reġistru tal-kundanni kriminali (Fedina Penali). Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati;

e) miżata ta' amministrazzjoni ta' €9.30 (mhux rifondibbli) – ħlas isir biss online permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ hawn fuq imsemmi.

18. Id-dokumenti oriġinali, id-dokumenti ta' identifikazzjoni, iċ-ċertifikati u/jew ittri ta' rakkomandazzjoni għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika mal-applikazzjoni kif ukoll waqt l-intervista.

Kull Kirurgu Veterinarju Reġistrat li jemmen li l-indirizz elettroniku (email address) li għandu l-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji mhux aġġornat għandu jibgħat ittra elettronika lil (vsc@gov.mt) sabiex jiżgura li jirċievi l-lista tal-kandidati li qed jikkontestaw l-elezzjoni jekk ikun il-każ.

Kull Kirurgu Veterinarju Reġistrat eliġibbli li jivvota u li mhux se jkollu aċċess għall-internet waqt il-ħin tal-elezzjoni jista' jawtorizza Kirurgu Veterinarju ieħor eliġibbli biex jivvota f'ismu/f'isimha. Formoli ta' 'Proxy', mimlija u ffirmati kif mehtieġ, għandhom jaslu għand is-Sur Daniel Bugeja fl-indirizz imsemmi hawn fuq mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025, u jkunu validi biss jekk l-elezzjoni tkun meħtieġa. Kopji skennjati mibgħuta permezz ta' ittra elettronika lil (vsc@gov.mt) jiġu aċċettati iżda l-oriġinal trid tintbagħat bil-posta aktar tard.

L-4 ta' Lulju, 2025

Council, Triq il-Biċċerija, Marsa MRS 1123, Malta, or scanned by email to (vsc@gov.mt). If sent by email, original needs to be sent by post.

Persons residing in Malta who are registered in the Veterinary Register are eligible and have the right to be nominated, to be seconded, to nominate and to second and to vote for the election of members of the Veterinary Surgeons' Council.

Candidates shall be nominated on the appropriate form, copies of which may be collected from Mr Daniel Bugeja at the above-mentioned address, or on request by email to (vsc@gov.mt).

If the number of nominations received is greater than the number of Council vacancies, an election will be held to fill in the respective vacancies on Monday, 21st July, 2025, between 8.00 a.m. and 5.00 p.m. Voting will be online and eligible candidates will receive their link to vote on the email address they have registered with the Veterinary Surgeons' Council.

The names of all candidates contesting the election will be made available to all eligible voters by email on Friday, 18th July, 2025.

Any Registered Veterinary Surgeon who believes that the email address held at the Veterinary Surgeons' Council is not up to date should send an email to (vsc@gov.mt) to ensure receipt of the list of candidates contesting the election should this be the case.

Any Registered Veterinary Surgeon eligible to vote who will not have access to an internet connection during election time may authorise another eligible Veterinary Surgeon to serve as his/her proxy. Proxy Forms duly filled in and signed need to be received by Mr Daniel Bugeja at the above-mentioned address by not later than noon of Friday, 18th July, 2025, and will be valid only should the election be necessary. Scanned copies sent by email to (vsc@gov.mt) will be accepted however the original needs to be sent by post at a later date.

4th July, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-11 ta' Lulju, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 11th July, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Suzuki	Baleno	Griż	DLY138	Ħaż-Żebbuġ
Opel	Mokka	Aħdar	DLY503	Ħaż-Żebbuġ
Piaggio	Runner	Griż/Iswed	OMR180	Ħal Tarxien
Opel	Corsa	Iswed	CBS323	San Ġiljan
Daihatsu	Sirion	Beige	BCS159	Tas-Sliema
Isuzu	KB/TF	Griż	CEC685	Burmarrad
Toyota	Proace	Abjad	CCI363	Ħ'Attard
Peugeot	207	Griż	DCO903	Ħaż-Żebbuġ
Citroen	Berlingo	Abjad	ECF398	Il-Ħamrun
Nissan	Qashqai	Abjad	LAV271	L-Imsida
Ford	KA	Griż	EBG307	Ħal Balzan
Mercedes	A170	Ikħal	GBW639	Ħal Balzan
Renault	Scenic	Maroon	ICO352	Ħal Balzan
Volkswagen	Passat	Ikħal	HOT247	Ħal Balzan
Skoda	Superb	Abjad	KCC698	Ħal Balzan
Fiat	Punto	Griż	IBE576	Ħal Balzan

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Mercedes	Sprinter	Abjad	CEF042	L-Imsida
Volkswagen	Polo	Iswed	MOI084	Il-Ħamrun

L-4 ta' Lulju, 2025 4th July, 2025

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Lista ta' offerti, kwotazzjonijiet u direct orders mogħtija mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2025 u t-30 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi LN 352/2016.

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

List of tenders, quotations and direct orders awarded by the Foundation for Educational Services during the period between 1st January, 2025 and 30th June, 2025, published in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations LN 352/2016.

L-4 ta' Lulju, 2025 4th July, 2025

Offerti/*Tenders*

Numru tar-Referenza tal-Offerta *Tender Reference No.*	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Name of Tender/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contactor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
SPD1/2024/137	Lease of Fourteen (14) Energy Efficient A3 Colour Multifunction Printers	26/03/2025	SG Solutions	€27,972.00
SPD1/2025/003	Design, Supply and Delivery of Children's Pick-up cards	24/04/2025	Galaxy Ltd	€23,004.64

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Numru tar-Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference No.*	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni *Name of Quotation/ Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contactor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
CFQ/FES/002/2025	Provision of Legal Services	21/02/2025	Dr. Marsette Portelli Xerri	€4,999.00
CFQ/FES/007/2025	Supply, Delivery and Installation of Furniture to the Foundation for Educational Services for the Klabb 3-16 Centres	08/04/2025	Al-Nibras for Science and Technology Ltd	€4,948.98
CFQ/FES/009/2025	Servicing and Maintenance of Air Conditioning Units	12/02/2025	Easy Hiring	€6,252.00
CFQ/FES/010/2025	Supply of Garbage Bags	08/04/2025	W.J. Parnis England Ltd	€8,179.00
CFQ/FES/011/2025	Supply and Delivery of Ergonomic Office Chairs	09/05/2025	Tabone Enterprises Malta Ltd	€3,035.43
CFQ/FES/017/2025	Provision of Workplace Risk Assessment Services Related to Pregnant Employees and Employees Under the Age of Eighteen (18) for the Foundation for Educational Services	27/06/2025	Nm Consult	€9,165.00

Direct Orders

Numru tar-Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference No.*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Name of Direct Order/ Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
DO/MF/001/2025	HR Module subscription for the period between 1/4/2025 and 31/12/2025	13/03/2025	Databyte Ltd	€45,900.00
DO/MF/002/2025	Provision of personnel required to carry out the Summer Project of 2025	16/05/2025	Voice for Inclusion Association Gozo	€30,144.00
DO/MF/003/2025	Provision of research on the reconceptualisation of Klabb 3-16 through Child-centred insights	26/05/2025	Nutcracker Malta Research	€28,400.00

Varjazzjonijiet/*Variations*

Numru tar-Referenza tal-Offerta *Tender Reference No.*	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Name of Tender/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contactor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value excl. VAT*
DES/120/2017	Leasing of Office Space	07/01/2025	Easysell Limited	€1,182,500.00
CT2223/2021	Provision of Childcare Educators	10/01/2025	Support Services Ltd	€1,813,399.92

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-Awtorità tal-Artijiet matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2025 u t-30 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (L.N. 352/2016).

L-4 ta' Lulju, 2025

LANDS AUTHORITY

List of contracts awarded by the Lands Authority during the period between 1st January, 2025 and 30th June, 2025, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

4th July, 2025

Offerti/*Tenders*

Nru *No.*	Ref. Nru tal-Offerta *Tender Reference Number*	Isem tal-offerta/ Suġġett tal-offerta *Tender Name/Subject of Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT (Skont il-POF – inkluż Varjazzjonijiet u/jew Estensjonijiet u/jew Repetizzjonijiet *Contract Value Excl. VAT (As per POF – including Variations and/or Extensions and/or Repetitions)*
1	CT2154/2024	Framework Agreement to render building and land surveying in Malta and Gozo to Lands Authority	09.01.2025	Framework Agreement	€780,000.00

Nru	Ref. Nru tal-Offerta	Isem tal-offerta/ Suġġett tal-offerta	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT (Skont il-POF – inkluż Varjazzjonijiet u/jew Estensjonijiet u/jew Repetizzjonijiet
No.	*Tender Reference Number*	*Tender Name/Subject of Tender*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT (As per POF – including Variations and/or Extensions and/or Repetitions)*
2	SPD6/2023/085	Framework contract for the provision of cleaning services including cleaning consumable with reduced environmental impact at the Lands Authoirty	17.03.2025	Simply Clean	€403,710.41

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

It-threshold għal kwotazzjonijiet hija ta' €5,000 eskluża l-VAT. Jekk awtorità tal-kuntratti tqis li kwotazzjoni taħt it-threshold stabbilita hija ta' importanza sinifikanti, din tista' tiġi inkluża.
Threshold set for quotations stands at €5,000 excl. VAT. Should a contacting authority deem that a quotation below the set threshold is of significant importance, it can also be included.

Nru	Ref. Nru tal-kwotazzjoni	Isem il-kwotazzjoni/ Suġġett tal-kwotazzjoni	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Quotation Reference Number*	*Quotation Name/Subject of Quotation*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	LA/25/01	Quotation for the Supply, Printing and Delivery of Company Merchandise (with Reduced Environmental Impact) for the Lands Authority	08.04.2025	Mampalao Trading Ltd	€9,156.00

Direct Orders

It-threshold għal direct orders hija ta' €5,000 eskluża l-VAT. Jekk awtorità tal-kuntratti tqis li direct order taħt it-threshold stabbilita hija ta' importanza sinifikanti, din tista' tiġi inkluża.
Threshold set for direct orders stands at €5,000 excl. VAT. Should a contacting authority deem that a direct order below the set threshold is of significant importance, it can also be included.

Nru	Ref. Nru tad-Direct Order	Isem id-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order	Data Approvata	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Order Reference Number*	*Direct Order Name/Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	8656	Land Valuation Marsaxlokk (Hard Standing Facility)	27.02.2025	EY plc	€9,500.00
2	8728	Replacement of VRV Outdoor Units.	24.03.2025	M.A. & A Services Ltd	€12,504.00
3	8943	Scaffolding System at Bengħajsa	11.06.2025	Steve Abela	€9,750.00

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviż li ġej għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025.

Avviż Nru. 23. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsin (50) sena ta' boathouse bl-arja mhux inkluża tale quale f'Nru 9, Xatt it-Tiben, Il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0203. Dan il-fond irid jintuża għal boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €24,498 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef u mija u sitta u sittin ewro (€8,166) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorita' tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025.

*Avviż Nru. 24. Bejgħ tale quale tal-Fond Kummerċjali bl-arja mhux inkluża f'Nru 65, Triq San Duminku, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0087. Din il-proprjetà hija mniffda mal-Fond f'Nri 66 u 66A, Triq San Duminku, Tas-Sliema, u dawn il-proprjetajiet flimkien jiffurmaw ħanut wieħed. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u disgħin elf ewro (€92,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 25. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fit-Telgħa tax-Xemxija, ix-Xemxija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.41_88_2. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u ħames mija u wieħed u sebgħin ewro (€42,571) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisement have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th July, 2025.

Advt No. 23. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of a boathouse without its own airspace tale quale at No. 9, Xatt it-Tiben, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0203. This premises is to be used for boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €24,498 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand and one hundred and sixty-six euro (€8,166) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 24th July, 2025.

*Advt No. 24. Sale tale quale of the Commercial Premises without its own airspace at No. 65, Triq San Duminku, Tas-Sliema as shown edged in red on the plan P.D.2022_0087. This property is interconnected with the premises at Nos 66 and 66A, Triq San Duminku, Tas-Sliema, which together form of one whole shop. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €9,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ninety-two thousand euro (€92,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 25. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a Site tale quale at it-Telgha tax-Xemxija, Xemxija, in the limits of Saint Paul's Bay, as shown edged in red on the plan P.D.41_88_2. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-two thousand and five hundred and seventy-one euro (€42,571) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Avviż Nru. 26. Bejgħ tale quale ta' store bl-arja mhux inkluża f'Nru 18, Row E3, lil hemm minn Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_81_7_18. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

L-4 ta' Lulju, 2025

IL-FONDAZZJONI TAL-KONKATIDRAL
TA' SAN ĠWANN

Il-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann tavża lil dawk li jixtiequ jitfgħu l-offerta tagħhom għal Work Package C (WPC):

Provvista u installazzjoni ta' finaturi, restawr intern u MEP Fit-Out, għall-estensjoni u r-restawr tal-Mużew tal-Konkatidral ta' San Ġwann (Ref: STJCF002/25)

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu minn (www.stjohnscocathedral.com/procurement)

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu bin-numru tat-telefown 2122 0536, jew permezz ta' ittra elettronika lil (info@stjohnscocathedral.com).

L-offerti magħluqa għandhom jiġu preżentati sal-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025, sa nofsinhar.

L-4 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

Il-Kunsill Lokali l-Mosta jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Mosta sa nofsinhar tat-Tlieta, 5 ta' Awwissu, 2025, għal:

*Advt No. 26. Sale tale quale of a store without it own airspace at No. 18, Row E3, off Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, as shown edged in red on the plan P.D.11_81_7_18. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and ten thousand euro (€110,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advertisements appearing for the first time

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

4th July, 2025

THE ST JOHN'S CO-CATHEDRAL
FOUNDATION

The St John's Co-Cathedral Foundation notifies prospective bidders to submit an offer for Work Package C (WPC):

Supply and installation of finishes, internal restoration and MEP Fit-Out, for the extension and refurbishment of the St John's Co-Cathedral Museum.(Ref: STJCF002/25)

Tender documents are available at (www.stjohnscocathedral.com/procurement).

Further details may be obtained by telephone number 2122 0536, or by email to (info@stjohnscocathedral.com).

Sealed tenders are to be submitted until Friday, 8th August, 2025, at noon.

4th July, 2025

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mosta Local Council through ePPS up to noon on Tuesday, 5th August, 2025, for:

Avviż Nru KLMT 02/2025. Kiri, installazzjoni u żarmar ta' dawl dekorattiv tal-Milied fil-lokalità tal-Mosta.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li:

Offerti se jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Venera permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Awwissu, 2025, għal:

Xogħlijiet – Rinnovar ta' latrina pubblika fil-Ġonna Romeo Romano bl-użu ta' materjali u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Lulju, 2025

Advt No. KLMT 02/2025. Rental, installation and dismantling of decorative Christmas lights in the locality of Mosta.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th July, 2025

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

The Santa Venera Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Venera Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 5th August, 2025, for:

Works – The upgrading of public convenience at Romeo Romano Gardens using environmentally friendly materials and practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th July, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1718

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' April 2025 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti rikors numru 22/2025(BS) fl-ismijiet 'Doran Stephen nomine vs Lloyd Mark' ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fit-28 ta' Frar, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-istess rikors ġuramentat hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mark Lloyd (karta tal-identità numru 154199A) ta' Villa Marni, Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi limiti tal-Munxar, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

It is hereby notified that by a decree given on the 24th of April 2025 by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the application number 22/2025(BS) in names " Doran Stephen nomine vs Lloyd Mark" filed in the Registry of the said Court on the 28th of February, 2025, the publication of the same sworn application as reproduced below was ordered and this in order to serve as notification with respect the respondent Mark Lloyd (identity card number 154199A) of Villa Marni, Triq ir-Rumani, Xlendi limits of Munxar, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru 22/2025

Stephen Doran (passaport Irlandiż bin-numru PH9346606) fil-kapaċità tiegħu bħala likwidatur ta' Trafalgar Multi Asset Trading Company Limited, soċjetà estera reġistrata fil-Cayman Islands, bin-numru ta' reġistrazzjoni 912855 u bl-uffiċju reġistrata sitwat DM Financial (Cayman) Limited t/a DM Financial, George Town Financial Centre, Suite 204, PO Box 1049, Grand Cayman KYT-1102, il-Gżejjer Cayman, kif debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Antoine Cremona (karta tal-identità numru 11980G) ta' 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT 1455

vs

Mark Lloyd (karta tal-identità numru 154199A)

Rikors tal-Avukat Antoine Cremona (karta tal-identità numru 11980G) nomine:

Jissottometti bir-rispett:

1. Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat ai termini tal-artiklu 826 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta sabiex jiġu rikonoxxuti u infurzati f'Malta żewġ sentenzi u żewġ ordnijiet mogħtija mill-High Court of Justice, Business and Property Courts of England and Wales wara proċeduri bin-numru BL-2020-000294, kif ġej:

i) Is-sentenza tad-19 ta' Mejju, 2023, li tiddetermina l-ħtija tal-intimat għal kospirazzjoni b'mezzi kontra l-liġi, assistenza diżonesta, u unconscionable receipt (l-"Ewwel Sentenza"). Kopja ċċertifikata tal-Ewwel Sentenza hija annessa hawn taħt u immarkata bħala dokument T1;

ii) L-ordni tas-6 ta' Lulju, 2023, li tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' £12,252,138.84 (ekwivalenti llum f'ewro għal €14,490,604.61) għal danni u mgħax sempliċi (bl-imgħax ikkalkulat sad-29 ta' Ġunju 2023) (is-"Somma tad-Danni"), u s-somma ta' £1,625,918.14 (ekwivalenti llum f'ewro għal €1,922.973.38) għall-ispejjeż (is-"Somma tal-Ispejjeż"). Din l-ordni tordna ukoll imgħax bir-rata ta' 8% fuq is-Somma tad-Danni li jiddekorri mid-29 ta' Ġunju, 2023, sad-data tal-pagament lis-soċjetà attriċi, imgħax bir-rata ta' 5.65% fuq is-Somma tal-Ispejjeż li jiddekorri mid-19 ta' Mejju 2023 (i.e. mid-data li l-ispejjeż ġew imġarrba) sas-6 ta' Lulju, 2023, u imgħax bir-rata ta' 8% fuq is-Somma tad-Danni li jiddekorri mis-6 ta' Lulju, 2023, sadanittant data tal-pagament lis-soċjetà attriċi (l-"Ewwel Ordni"). Kopja ċċertifikata tal-Ewwel Ordni hija annessa hawn taħt u immarkata bħala dokument T2;

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Application number 22/2025

Stephen Doran (Irish passport number PH9346606) in his capacity as liquidator of Trafalgar Multi Asset Trading Company Limited, a foreign partnership registered in the Cayman Islands, with registration number 912855 and with its registered office located at DM Financial (Cayman) Limited t/a DM Financial, George Town Financial Centre, Suite 204, PO Box 1049, Grand Cayman KYT-1102, Cayman Islands, as duly represented by his special representative Attorney Antoine Cremona (ID card number 11980G) of 171, Triq l-Ifran, Valletta VLT 1455

vs

Mark Lloyd (ID card number 154199A)

Application of Advocate Antoine Cremona (identity card number 11980G) nomine:

Respectfully submits:

1. That this application is being filed in terms of article 826 of Cap. 12 of the laws of Malta for the recognition and enforcement in Malta of two judgments and two orders given by the High Court of Justice, Business and Property Courts of England and Wales following proceedings with number BL-2020-000294, as follows:

i) The judgment of 19th May, 2023, determining the respondent's guilt for conspiracy by unlawful means, dishonest assistance, and unconscionable receipt (the "First Judgment"). A certified copy of the First Judgment is attached hereunder and marked as document T1;

ii) The order of 6th July, 2023, ordering the respondent to pay to the plaintiff company the sum of £12,252,138.84 (equivalent today in euro to €14,490,604.61) for damages and simple interest (with interest calculated up to 29th June 2023) (the "Damages Sum"), and the sum of £1,625,918.14 (equivalent today in euro to €1,922,973.38) for costs (the "Costs Amount"). This order also orders interest at the rate of 8% on the Damages Sum running from 29th June, 2023, until the date of payment to the plaintiff society, interest at the rate of 5.65% on the Costs Sum running from 19th May, 2023 (i.e. from the date the costs were incurred) until 6th July, 2023, and interest at the rate of 8% on the Damages Sum running from 6th July 2023 until the date of payment to the plaintiff society (the "First Order"). A certified copy of the First Order is attached hereto and marked as document T2;

iii) Is-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2023, li tibdel il-kalkolu tal-imgħax li għandu jitħallas mill-intimat għal wieħed ibbażat fuq imgħax kompost (it-"Tieni Sentenza"). Kopja ċċertifikata tat-Tieni Sentenza hija annessa hawn taħt u immarkata bħala dokument T3;

iv) L-ordni tas-26 ta' Ottubru, 2023, li tirrevedi s-somma tad-Danni li l-intimat ġie kkundannat iħallas fl-ordni tas-6 ta' Lulju, 2023, għal £13,399,723.45 (ekwivalenti llum f'ewro għal €15,847,852.92) (It-"Tieni Ordni"). Kopja ċċertifikata tat-Tieni ordni hija annessa hawn taħt u immarkata bħala dokument T4;

(flimkien is-"Sentenzi");

2. Illi s-Sentenzi, bħala sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti saru res judicata u ma tressaq l-ebda appell minnhom, u għalhekk ir-rekwiżiti tal-artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta huma sodisfatti;

3. Illi r-rikorrenti nomine għandu interess li dawn is-sentenzi jiġu reġistrati Malta sabiex ikun jista' jipproċedi bl-infurzar tagħhom, inkluż bil-ħruġ ta' atti eżekuttivi.

Għaldaqstant u fid-dawl tas-su espost, ir-rikorrenti nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, salv kwalunkwe digriet jew ordni oħra li jidhrilha xierqa u opportun, tiddikjara reġistrati u konsegwentement tordna r-rikonoxximent u l-infurzar f'Malta tas-Sentenzi datati 19 ta' Mejju 2023, 6 ta' Lulju 2023, u 26 ta' Ottubru 2023, mogħtija mill-High Court of Justice, Business and Property Courts of England and Wales f'proċeduri bin-numru BL-2020-000294 skont l-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta bħallikieku kienu sentenzi minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż ulterjuri.

(Ir-rati tal-kambju huma dawk tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Jannar, 2025)

(iffirmati):

L-Avukat Antoine G. Cremona;
L-Avukat Luisa Cassar Pullicino;
L-Avukat Yasmine Ellul;
Il-Prokuratur Legali Lindsey Galea

Dan ir-rikors huwa differit għan-notifika tal-konvenut għas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2025, tissejjaħ fid-9.00 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 19 ta' Ġunju, 2025

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

iii) The judgment of 26th October, 2023, changing the calculation of interest payable by the respondent to one based on compound interest (the "Second Judgment"). A certified copy of the Second Judgment is attached hereunder and marked as document T3;

iv) The order of 26th October, 2023, revising the Damages Sam which the respondent was ordered to pay in the order of 6th July, 2023, to £13,399,723.45 (equivalent today in euro to €15,847,852.92) (the "Second Order"). A certified copy of the Second Order is attached hereunder and marked as document T4;

(together the "Judgments");

2. That the Judgments, as judgments given by a competent court, have become res judicata and no appeal has been lodged from them, and therefore the requirements of article 826 of Cap. 12 of the laws of Malta are satisfied;

3. That the applicant nomine has an interest that these judgments be registered in Malta so that he can proceed with their enforcement, including the issuing of executive acts.

Therefore, and in view of the above, the applicant nomine humbly requests that this Honourable Court, subject to any other decree or order it deems fit and opportune, declare registered and consequently order the recognition and enforcement in Malta of the Judgments dated 19th May 2023, 6th July 2023, and 26th October 2023, given by the High Court of Justice, Business and Property Courts of England and Wales in proceedings with number BL-2020-000294 in terms of Article 826 et sequitur of Cap. 12 of the laws of Malta as if they were judgments by this Honourable Court.

With further costs.

(Exchange rates are those of the European Central Bank of 21st January, 2025)

(signed):

Lawyer Antoine G. Cremona;
Lawyer Luisa Cassar Pullicino;
Lawyer Yasmine Ellul;
Legal Attorney Lindsey Galea

This application is deferred for the service on the defendant for the sitting of the 9th July, 2025, to be called at 9.00 a.m. at the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Today the 19th June, 2025

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1719

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Ġunju, 2025, fuq rikors ta' APS Bank plc (C2192) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fabbrika, il-warehouse, u x-showroom mibnija fuq tliet biċċiet ta' art bin-numru uffiċjali tnejn u tletin (32) tlieta u tletin (33) u erbgħa u tletin (34) kollha adjaċenti ma' xulxin, flimkien bl-arja tagħhom u s-sottoswol, li jinsabu f'żona industrijali fil-Mosta, aċċessibbli minn Triq il-Kappar u Triq il-Parsott, il-Mosta, u b'faċċata fuq Triq il-Farkizzan u Triq il-Parsott, konfinanti mill-Majjistral ma' triq ġdida li tagħti għal fuq Triq il-Kappar, mix-Xlokk ma' Triq il-Parsott u mil-Lvant ma' proprjetà tas-suċċessuri fit-titlu tas-soċjetà Ficus Limited, mhux inkluż il-makkinarju, vetturi u materjal mhux maħdum li hemm fuq il-post, liberu u frank u stmat għal ħames miljuni, disa' mija u erbgħin elf ewro (€5,940,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alu Care Mosta Limited (C32359).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 22/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 6th June, 2025, on the application of APS Bank plc (C2192), Tuesday 25th November, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The factory, the warehouse, the showroom built on three (3) portions of land, officially numbered thirty-two (32), thirty three (33) and thirty four (34), all adjacent to each other, and with airspace and subterranean levels, situated in an industrial zone in Mosta, accessible from Triq il-Kappar and Triq il-Parsott, Mosta, and with a façade on Triq il-Farkizzan and Triq il-Parsott, bounded on the northwest by a new street abutting onto Triq il-Kappar, on the southeast with Triq il-Parsott and on the east with property of the successors in title of the company Ficus Limited, not including the machinery, vehicles and raw material that is found on site, free and unencumbered and valued at five million and nine hundred and forty thousand euro (€5,940,000).

The said tenement is the property of Alu Care Mosta Limited (C32359).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 22/2020.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd July, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1720

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-24 ta' Ġunju, 2025, u dan wara Rikors b'numru 589/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid numru 2087/2024 sabiex il-kunjom ta' Eslam Abdelhamed Mohamed Ben Naser jiġi mibdul minn 'Ben Naser' għal 'Khalifa'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 24th June, 2025, and upon an application numbered 589/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in Act of Birth number 2087/2024 so that the surname of Eslam Abdelhamed Mohamed Ben Naser is changed from 'Ben Naser' to 'Khalifa'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 2nd July, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1721

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili,

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of

b'Digriet tal-27 ta' Ġunju, 2025, u dan wara Rikors b'numru 621/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' Toby Richard Whitaker Vella meta dan jiġi reġistrat f'Malta, sabiex kunjom ir-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Whitaker' għal 'Whitaker Vella'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Acts, by a Decree dated the 27th June, 2025, and upon an application numbered 621/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth of Toby Richard Whitaker Vella when it is registered in Malta, so that the surname of the applicant is changed by annotation from 'Whitaker' to 'Whitaker Vella'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 2nd July, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1722

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' Ġunju, 2025, u dan wara Rikors b'numru 365/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, biex b'annotazzjoni meta l-Att tat-tieni Żwieġ ta' Davidona Mary Patricia Muscat De Winton jiġi reġistrat f'Malta il-kunjom li r-rikorrenti addottat wara ż-żwieġ jiġi mibdul minn 'Fleming De Winton' għal 'Muscat De Winton'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th June, 2025, and upon an application numbered 365/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, so that by annotation, when the Act of the second marriage of Davidona Mary Patricia Muscat De Winton is registered in Malta, the surname adopted by the applicant after the marriage is changed from 'Fleming De Winton' to 'Muscat De Winton'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 2nd July, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1723

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-27 ta' Ġunju, 2025, u dan wara Rikors b'numru 623/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' Samina Sharafat John meta dan jiġi reġistrat f'Malta, sabiex isem ir-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Samina' għal 'Samina Sharafat'.

Però fir-rigward tat-tibdil fil-kunjom biex dan jiġi indikat bħala 'John' fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, ma hemmx il-ħtieġa li dan isir għaliex hekk kif jiġi reġistrat l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti, f'Malta, ai termini tal-Art. 244 tal-Kodiċi Ċivili, kunjomha se jiġi mibdul għal 'John' awtomatikament.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 27th June, 2025, and upon an application numbered 623/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary annotation or correction in the Act of Birth of Samina Sharafat John when it is registered in Malta, so that the name of the applicant is changed by annotation from 'Samina' to 'Samina Sharafat'.

However, with regards to the change in surname on the applicant's Act of Birth, to be indicated as 'John', there is no need for this to be done because, once the applicant's Act of Marriage is registered in Malta, in terms of Article 244 of the Civil Code, her surname will automatically be changed to 'John'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday, 2nd July, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603